




Il-Fondazzjoni Ewropea
għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet
ta' l-Għajxien u tax-Xogħol

L-Istħarriġ Ewropew fost il-Kumpaniji – L-Ewwel Sejbiet

> sommarju <

'L-Ewropa m'għandhiex biss tindirizza r-riċessjoni iżda ddawwarha f'opportunità biex toħloq ekonomija aktar produttiva, aktar innovattiva, b'ħiliet aħjar u b'karbonju baxx; waħda bi swieq tax-xogħol miftuħa u inklussivi, b'soċjetà aktar koeżiva u ugwali u impjegati li jissimpatizzaw mat-tfassib relatat mal-età, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol. Dan ma jistax ikun sforz ta' darba iżda proċess kollettiv kontinwu.'

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar Impenn Konġunt għall-Impjegi 2009



Kuntest

Fir-rebbiegħa 2009, l-Eurofound nieda sħarriġ rappreżentattiv fuq skala kbira indirizzat lejn il-manigġers u r-rappreżentanti tal-ħaddiema. *L-Istħarriġ Ewropew fost il-Kumpaniji 2009 - Prattiċi ta' flessibilità u d-djalogu soċjali* (ECS) huwa t-tieni sħarriġ dwar l-azjendi mal-Ewropa kollha mniedi minn Eurofound. Dan ikopri s-27 Stat Membru tal-UE kif ukoll il-Kroazja, it-Turkija u l-Ex Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja (FYROM). L-ewwel sħarriġ ta' dan it-tip - *L-Istħarriġ fost l-Azjendi dwar il-Ħin tax-Xogħol u l-Bilanċ bejn il-ħajja u x-Xogħol* (ESWT) - sar fl-2004/5 f'21 pajjiż.

L-Istħarriġ Ewropew fost il-Kumpaniji jiddokumenta strateġiji ta' flessibilità ta' ditti u huwa sors uniku ta' informazzjoni komparattiva dwar id-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol. Riċerka preċedenti minn Eurofound uriet li l-kumpaniji jużaw prattiċi ta' flessibilità differenti mhux f'iżolament iżda f'kombinazzjoni. L-istħarriġ studja miżuri differenti ta' flessibilità kwantitattiva u kwalitattiva interna u esterna.

It-titjib tal-flessibilità tas-suq tax-xogħol huwa kkunsidrat mill-UE bħala wieħed mill-elementi ewlenin meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġiji ta' Liżbona, jiġifieri li ssir l-aktar ekonomija kompetittiva u dinamika bbażata fuq l-għarfien fid-dinja biex toħloq aktar xogħol u xogħol aħjar għaċ-ċittadini Ewropej. Fl-istess ħin, l-UE hija mħassba li l-miżuri ta' flessibilità ma jkunux ixaqilbu wisq lejn naħa waħda għad-detriment tal-ħaddiema. Għalhekk, matul dawn l-aħħar snin ġew promulgati serje ta' leġiżlazzjonijiet ta' qafas u rakkomandazzjonijiet li jstabbilixxu regoli għall-istrumenti ta' flessibilità ewlenin kif ukoll għall-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-

impjegati fi kwistjonijiet relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol.

Id-djalogu soċjali huwa importanti biex tiġi ġestita l-bidla fin-negozju u x-xogħol fil-mudell soċjali Ewropew. Sabiex tindirizza dawn l-isfidi, l-ECS intervista manigġers kif ukoll rappreżentanti tal-ħaddiema, fejn dan kien possibbli, biex jikseb intuiviti dwar l-istruttura u dwar l-irwol tad-djalogu soċjali fil-livell tal-azjendi. Dan ifassal ukoll miżuri u strateġiji ta' flessibilità u l-irwol tad-djalogu soċjali biex dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti.

Waqt il-ġbir tad-dejta fir-rebbiegħa tal-2009, l-impatt tat-tnaqqis ekonomiku kien aktar evidenti f'xi pajjiżi milli f'oħrajn.


Arranġamenti dwar il-ħin tax-xogħol

Il-flessibilità fil-ħin tax-xogħol hi l-aktar tip komuni ta' flessibilità pprattikata fil-kumpaniji Ewropej. Fl-istħarriġ, ġew investigati erba' tipi ta' arranġamenti ta' xogħol: arranġamenti ta' ħin flessibbli, xogħol part-time, xogħol f'ħinijiet mhux normali u sigħat ta' sahra.

Arranġamenti ta' ħin flessibbli


Arranġamenti ta' ħin flessibbli huma arranġamenti li jippermettu lill-impjegat ivarja l-bidu u t-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol skont il-ħtiġiet u x-xewqat tiegħu, ġeneralment fi ħdan ċerti limiti. Waqt li l-arranġamenti ta' ħin flessibbli jippermettu biss għal varjazzjoni fil-ħin tal-bidu u tat-tmiem, mingħajr bidliet fit-tul tal-ġurnata tax-xogħol, sistemi ta' akkumulazzjoni tal-ħin jippermettu l-akkumulazzjoni ta' kreditu (jew debitu) ta' sigħat fuq xi tip ta' kont ta' ħin tax-xogħol. Fid-dokumentazzjoni, l-arranġamenti ta' ħin flessibbli ġeneralment huma

Figura 1: Inċidenza ta' forom differenti ta' arranġamenti ta' ħin tax-xogħol flessibbli, skont il-pajjiż (%)



Sors: ECS 2009

Figura 2: Inċidenza tal-azjendi li jipprattikaw ix-xogħol part-time, skont il-pajjiż (%)



Sors: ECS 2009

meqjusa bħala ta' beneficiċċju kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-ħaddiema. Riżultati tal-ECS juru li:

- aktar minn nofs (56%) l-azjendi kollha b'10 impjegati jew aktar fl-UE27 jużaw xi tip ta' arranġament ta' ħin flessibbli. Dan jirrifletti żieda sostanzjali meta mqabbel ma' erba' snin ilu kif imkejjel fl-Istħarriġ Evropew dwar il-Kumpaniji preċedenti (li sar f'21 pajjiż).
- Kważi erbgħa minn 10 azjendi jipprattikaw sistemi li jipperemmettu l-akkumulazzjoni ta' kreditu ta' ħin fuq kont ta' ħin tax-xogħol. Il-maġġoranza ta' dawn il-kontijiet ta' ħin tax-xogħol jinkludu l-possibilità li jittieħdu ġranet sħaħ bħala frank mill-krediti ta' ħin akkumulat. Is-sistema tal-kontijiet ta' ħin tax-xogħol hija l-aktar komuni fil-pajjiżi Nordiċi, fil-Ġermanja, fir-Repubblika Ċeka u fl-Awstrija.
- Il-possibilità li jiġu akkumulati sigħat ta' kreditu għal aktar minn sena fl-hekk imsejja kontinġent b'terminu twil hija ferm inqas mifruxa. Bħala medja, 6% biss tal-azjendi tal-UE27 japplikaw sistemi bħal din; il-parti l-kbira tinsab fid-Danimarka, fejn terz (30%) tal-azjendi jużaw il-kontijiet b'terminu twil.

Xogħol part-time

Ix-xogħol part-time sar ferm aktar mifrux fl-Ewropa tal dawn l-aħħar 15-il sena. Xi xogħol part-time huwa maħsub primarjament għal skopijiet operattivi, pereżempju biex jiġu sodisfatti aħjar il-bidliet fil-provvista u d-domanda, waqt li forom oħrajn ta' xogħol part-time jintużaw l-aktar bħala strument tar-riżorsi umani. Dan jista' jippermetti lil ħaddiema biex jikkombinaw aħjar il-ħajja tax-xogħol u dik barra x-xogħol u jintuża biex jagħmel lil min iħaddem aktar attraenti għal rekluti potenzjali. L-ECS joffri xi intuwi dwar ix-xogħol part-time fil-livell tal-azjendi.

- żewġ terzi (67%) tal-azjendi fl-UE joffru impjeg part-time. Ix-xogħol part-time mhux mifrux fl-Ewropa b'mod ugwali. Fl-Olanda, kważi l-azjendi kollha li ġew mistħarrġa (91%) għandhom ħaddiema part-time. Ix-xogħol part-time hu wkoll komuni fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Iżvezja u fir-Renju Unit, b'madwar 80% jħaddmu l-part-timers. L-inqas numru ta' azjendi b'ħaddiema part-time qegħdin fil-Bulgarija, fil-Portugall u t-tliet pajjiżi kandidati, b'inqas minn 20% tal-azjendi hemmhekk iħaddmu ħaddiema part-time.

- Is-sehem ta' azjendi li jużaw arranġamenti part-time kiber kemmxejn matul dawn l-aħħar erba' snin.
- L-organizzazzjoni tax-xogħol part-time qiegħda ssir aktar diversifikata. Numru li qed jiżdied ta' azjendi jipprattikaw forom ta' xogħol part-time barra l-forma 'tradizzjonali' ta' ftit sigħat ta' xogħol f'kull ġurnata tal-ġimgħa (ġeneralment filgħodu). Wieħed irid jinnota li l-forom differenti ta' xogħol part-time jistgħu jkunu ta' aktar benefiċċju għal min iħaddem jew għall-ħaddiema, skont it-tip magħżul. Tipi oħrajn li qed isiru popolari jinkludu xi ġranet sħaħ ta' xogħol li jalternaw ma' ġranet sħaħ franki, u part-time flessibbli fuq avviż f'qasir żmien kif stabbilit minn min iħaddem.
- Għalkemm ix-xogħol part-time huwa mifrux f'diversi pajjiżi, il-ħaddiema part-time f'karigi li jirrikjedu sengħa għolja għadhom mhux komuni f'ħafna azjendi Ewropej, bl-eċċezzjoni tal-Olanda. Bħala medja, kwart biss tal-azjendi bil-ħaddiema part-time u b'ħaddiema b'sengħa għolja għandhom ħaddiem part-time f'kariga tali, u fil-maġġoranza tal-każijiet dawn huma biss fenomenu eċċezzjonali.

Xogħol bil-lejl, fi tmiem il-ġimgħa u bix-xift

Xogħol f'ħinijiet mhux standard huwa strument użat b'mod komuni minn min iħaddem biex jestendi s-sigħat ta' ħidma tal-magni, biex itawlu l-ħinijiet ta' negozju jew biex ikampaw ma' varjazzjonijiet għoljin fl-ammont ta' xogħol li ma jkunux jistgħu jiġu ġestiti waqt il-ħin tax-xogħol regolari matul il-ġimgħa. L-ECS sab li:

- Is-sehem ta' azjendi li jaħdmu bil-lejl, fi tmiem il-ġimgħa jew bix-xift baqa' stabbli ħafna fl-aħħar erba' snin, għajr żieda żgħira osservata fix-xogħol nhar ta' Sibt.
- F'ħafna pajjiżi, ix-xogħol il-Ħadd u bil-lejl huwa kkonċentrat fuq setturi li n-natura tad-doveri tagħhom teħtieġ servizz 24 siegħa (eż. is-servizzi mediċi, it-trasport pubbliku, l-enerġija).

Sigħat ta' sahra

Is-sahra hija l-aktar strument ta' ħin tax-xogħol tradizzjonali sabiex wieħed ilaħħaq meta x-xogħol ikun fl-aqwa tiegħu. Iż-żieda u d-diversità tas-sistemi ta' akkumulazzjoni ta' ħin jagħmluha diffiċli biex titkejjel is-sahra, b'mod speċjali fil-livell tal-azjendi. Madankollu, fl-ECS seta jiġi osservat li:

- il-pajjiżi bl-ogħla ammont ta' azjendi li jużaw is-sahra huma l-Ġermanja, l-Olanda u l-pajjiżi nordiċi. Dawn kienu wkoll fost dawk li l-aktar użaw dan l-istrument b'mod frekwenti fl-2004/05. F'ħafna pajjiżi Ewropej tan-nofsinhar, tal-lvant u ċentrali, is-sahra hi ferm inqas mifruxa. L-eċċezzjonijiet għal din ir-regola huma r-Repubblika Ċeka u l-Italja, fejn in-numru ta' azjendi li jaħdmu bis-sahra kien ogħla mill-medja tal-UE.
- F'35% tal-kumpaniji, is-sahra hija kkompensata b'mod finanzjarju, filwaqt li fi 23% tal-każijiet jingħata ħin liberu minflok ħlas. 37% tal-azjendi jipprattikaw iż-żewġ forom ta' kumpens. In-numru ta' azjendi li ma jikkompensaw is-sigħat ta' sahra b'ebda mod huwa globalment margjinali u baqa' stabbli tul iż-żmien.


Prattiċi tar-riżorsi umani

L-istħarriġ intraċċa l-inċidENZA ta' xi prattiċi ta' xogħol ikkunsidrati bħala elementi importanti ta' flessibilità kuntrattwali u funzjonali fil-livell ta' ditta. Il-flessibilità kuntrattwali tuża tipi differenti ta' kuntratti biex timla spazji temporanjament vojta jew biex tirreaġixxi b'mod mgħaġġel għat-tnaqqis.

Flessibilità kuntrattwali: Kuntratti b'terminu fiss, xogħol ta' aġenzija temporanja u freelancers


- Madwar żewġ terzi tal-azjendi mistħarġa indikaw li jużaw xi forma ta' arranġament ta' xogħol temporanju bħal ħaddiema ta' aġenzija temporanja (TAW), kuntratti b'terminu fiss jew kuntratturi li jaħdmu għal rashom (freelancers). Fis-setturi kollha tal-attività, aktar minn nofs l-azjendi kollha (b'10 impjegati jew

Figura 3: Xogħol f'sigħat atipiċi, minn NACE Rev. settur 1.1 (%)



Sors: ECS 2009

Figura 4: Kumpens ta' sigħat ta' sahra, skont il-pajjiż (%)



Sors: ECS 2009

aktar) jagħmlu użu minn arranġamenti kuntrattwali temporanji ta' dan it-tip.

- L-użu ta' impjegati b'kuntratti b'terminu fiss, sar fenomenu mifruż fl-azjendi Ewropej. F'aktar minn nofs (54%) l-azjendi b'10 impjegati jew aktar hemm tal-inqas impjegat wieħed b'kuntratt b'terminu fiss. L-inciżenza tal-impjegat għal terminu fiss tvarja b'mod konsiderevoli minn pajjiżi Ewropej għal ieħor.
- 21% tal-azjendi kollha jagħmlu użu minn tal-inqas *freelancer* wieħed.
- Ftit iktar minn waħda minn kull ħames azjendi fl-UE27 timpjega ħaddiema temporanji ta' aġenzija. Din iċ-ċifra hija simili għal dik tal-ESWT 2004/2005. Madankollu, b'mod ġenerali, ix-xogħol minn aġenzija temporanja jammonta għal 2% tal-impjegati totali f'azjendi b'10 impjegati jew aktar (fl-UE).
- Waqt li madwar 20% tal-azjendi jirrappurtaw li ħaddmu ħaddiema ta' aġenzija temporanja fl-aħħar 12-il xahar, nofshom biss impjegaw ħaddiem ta' aġenzija temporanja fil-ħin tal-intervista. Id-differenzi staġjonali fl-użu ta' ħaddiema temporanji waħedhom ma jispjegawx dan; sa ċeru punt, probabbli li dan huwa konsegwenza tal-kriżi ekonomika li fil-ħin tal-intervista kienet diġà ħalliet impatt qawwi fuq għadd ta' pajjiżi u setturi ta' attivitajiet.

Flessibilità funzjonali: L-addattament għall-bidla fi ħdan il-kumpaniji

L-azjendi jistgħu wkoll itejbu l-potenzjal ta' flessibilità tagħhom billi jżidu l-impjegabilità ta' nies għal kompiti differenti u f'postijiet tax-xogħol differenti. L-isforzi ta' taħriġ u l-prattika ta' xogħol f'tim b'mod awtonomu jagħmluha possibbli li l-impjegati jintużaw għal firxa usa' ta' rwoli u doveri u jistgħu jitqiesu bħala indikaturi għal din it-tip ta' addattabilità interna. L-ECS sab li:

- tlieta minn kull erba' azjendi jindikaw li l-bżonn li aktar taħriġ jiġi ċċekkjat perjodikament b'mod sistematiku. L-analiżi regolari tal-bżonn għal aktar taħriġ hi aktar komuni f'azjendi kbar milli f'dawk iżgħar.
- Mhux il-gruppi ta' impjegati kollha huma koperti b'mod ugwali bl-attivitajiet ta' aktar taħriġ. Hemm

differenza bejn l-impjegati permanenti u l-impjegati b'kuntratt b'terminu fiss: Kważi l-azjendi kollha fejn isiru kontrolli sistematiki japplikaw dawn il-kontrolli għall-impjegati permanenti tagħhom, filwaqt li inqas minn nofs jagħmlu dan għall-impjegati b'kuntratt b'terminu fiss. L-istess, l-impjegati permanenti f'karigi li jirrikjedu sengħa jew sengħa għolja huma inklużi fil-kontrolli aktar spiss mill-impjegati permanenti f'karigi li jirrikjedu sengħa baxxa jew ma jirrikjedux sengħa. Il-bżonnijiet ta' taħriġ għal ħaddiema akbar fl-età huma wkoll ikkontrollati inqas minn dawk ta' ħaddiema iżgħar.

- Il-proporzjon ta' azjendi li taw ħin frank lill-ħaddiema tagħhom biex jagħmlu taħriġ huwa inqas minn numru ta' azjendi li jiċċekkjaw il-bżonnijiet ta' taħriġ b'mod sistematiku.
- Karatteristika ewlenija li tikkaratterizza x-xogħol ta' tim hija l-livell ta' awtonomija tal-membri tat-tim. Din tikkonċerna lil min qed jieħu d-deċiżjonijiet dwar ix-xogħol u d-dmirijiet tagħhom billi tippermetti li ssir distinzjoni bejn xi forum ta' xogħol ta' tim aktar standard minn timijiet li jmxexx lillhom infushom. Ix-xogħol ta' tim awtonomu huwa aktar karattersitiku ta' mudelli ta' organizzazzjoni ta' xogħol bħas-'sistemi soċjo-tekniki', u l-'organizzazzjonijiet ta' tagħlim' Skandinavi u r-riċerka preċedenti wriet l-impatt pożittiv tagħhom fuq il-kompetittività u l-kwalità tax-xogħol.
- Skont ir-riżultati tal-ECS, ix-xogħol ta' tim awtonomu huwa applikat fi 22% tal-azjendi. Dan hu aktar mifruż fil-pajjiżi nordiċi u fl-Olanda.

Ħlas varjabbli

Forma oħra ta' flessibilità hija l-flessibilità fil-paga jew fil-ħlas. Fl-ECS 2009, kienu identifikati elementi differenti ta' ħlas relatati mal-prestazzjoni li jistgħu jinġabru f'żewġ gruppi:

- elementi ta' ħlas relatati mal-prestazzjoni, fejn il-ħlas ġeneralment hu mkejjel ma' miri speċifiċi, stabbiliti jew għall-individwu jew għat-tim, grupp ta' ħidma jew dipartiment.

- Skemi ta' qsim ta' profitt jew skemi ta' qsim tal-pussess bħala żewġ varjetajiet (li xi drabi jikkoinċidu) ta' parteċipazzjoni finanzjarja fil-prestazzjoni tal-azjenda, ġeneralment mingħajr ebda riskju finanzjarju għall-impjegati.

L-istħarriġ jipprovdi ftit informazzjoni unika dwar dawn il-kwistjonijiet, b'mod speċjali billi - bid-differenza minn stħarriġ preċedenti fuq din it-tema - dan ikopri wkoll l-azjendi ż-żgħira u ta' daqs medju.

Ħlas relatat mal-prestazzjoni

- Bħalissa, f'it 'il fuq minn terz tal-azjendi b'10 impjegati jew aktar jipprovdu elementi speċifiċi ta' ħlas relatat mal-prestazzjoni tal-individwu, tat-tim, tal-grupp ta' ħidma jew tad-dipartiment lil xi f'it mill-impjegati jew lill-impjegati tagħhom kollha. Bħala medja, madwar nofs l-impjegati jirċievu xi forma ta' ħlas relatat mal-prestazzjoni fl-azjendi fejn din teżisti.
- Elementi ta' ħlas relatat mal-prestazzjoni individwali huma aktar mifruxa (33%) mill-elementi relatati mal-prestazzjoni ta' grupp, tim jew dipartiment (19%).
- L-elementi ta' ħlas relatat mal-prestazzjoni huma l-aktar mifruxa fis-settur tal-intermedjazzjoni finanzjarja: qrib nofs l-azjendi japplikaw skemi li jiddependu fuq il-prestazzjoni tal-individwu u tlieta minn kull għaxar azjendi għandhom skemi li jiddependu fuq il-prestazzjoni tat-tim, il-grupp jew id-dipartiment. Min-naħa tiegħu, is-settur tas-saħħa u x-xogħol soċjali, jagħmel l-inqas użu minn dawn l-elementi, b'20% biss tal-azjendi japplikaw skemi relatati mal-prestazzjoni individwali u 10% japplikaw skemi relatati mal-prestazzjoni tal-grupp.

Parteċipazzjoni finanzjarja

- L-iskemi ta' qsim tal-profitt huma inqas mifruxin fl-Ewropa, b'14% biss tal-azjendi privati jipprattikawhom. Il-qsim tal-profitt hu l-aktar komuni fil-Finlandja, fi Franza, fl-Olanda u fl-Iżvezja.
- F'azjendi kbar, bħala medja, l-iskemi ta' qsim ta' profitt huma ħafna aktar komuni, b'aktar minn kwart (27%) tal-azjendi privati b'200 impjegat jew aktar jużawhom.
- Indipendentament mid-daqs, azjendi b'rappreżentanza tal-impjegati instabu li għandhom probabilita akbar li jipprattikaw skemi ta' qsim tal-profitt minn dawk li m'għandhomx rappreżentanza tal-impjegati.
- Ħafna manigġers jiddikkjaraw li huma introduċew l-iskemi ta' qsim tal-profitt għal raġunijiet relatati mal-motivazzjoni u l-produttività tal-impjegati. Il-possibilita li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-pagi fi żminijiet ta' volumi baxxi ta' ordnijiet kellha rwol iżgħar fil-konsiderazzjonijiet tagħhom.
- Żewġ terzi tal-iskemi ta' qsim tal-profitt applikati fl-azjendi privati fi ħdan l-UE għandhom bażi wiesgħa (jiġifieri miftuħin għall-impjegati kollha tal-forza tax-xogħol) u għalhekk konformi ma' waħda mir-rakkomandazzjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-UE dwar il-partiċipazzjoni finanzjarja.

- Ħafna skemi ta' qsim tal-profitt (63%) fis-settur privat huma ddeterminati mill-manigġment biss u mhux innegożjati man-naħa tal-impjegati.
- L-iskemi ta' qsim tal-pussess instabu li huma l-inqas forma ta' ħlas varjabbli mifruxa. 5% biss tal-azjendi privati (b'10 impjegati jew aktar) biss jipprattikawhom, f'it 'il fuq minn nofshom bħala skemi b'bażi wiesgħa.
- Kemm l-iskemi ta' qsim tal-profitt u l-iskemi ta' qsim tal-pussess instabu li huma l-aktar mifruxin fis-settur tal-intermedjazzjoni finanzjarja.

Djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol

L-istħarriġ jirrapporta l-opinjoni u l-esperjenzi tal-atturi fil-livell tal-kumpaniji dwar id-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol. Id-djalogu soċjali huwa definit bħala dawk il-proċessi ta' relazzjonijiet industrijali li bihom, rappreżentanti tal-ħaddiema rikonnoxxuti huma sa involuti b'xi mod jew ieħor f'deċiżjonijiet li jikkonċernaw ir-relazzjoni tax-xogħol. Tali involviment jista' jkun limitat għal informazzjoni mill-manigġment, jew jista' jkun estiż għal konsultazzjoni, negozjar jew parteċipazzjoni konġunta fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-istħarriġ jipprovdi informazzjoni komparattiva unika dwar in-natura u l-kwalità ta' dan id-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa. Is-sejbiet tal-istħarriġ jagħtu stampa ta' prattiki robusti ta' djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa, u jinnotaw limitazzjonijiet u differenzi importanti fl-Ewropa kollha.

Djalogu soċjali robust

Ir-riżultati tal-istħarriġ juru stampa globali pożittiva tad-djalogu soċjali fl-Ewropa:

- L-aktar mod komuni ta' kif jiġi stabbilit il-ħlas fl-Ewropa huwa permezz ta' negozjar kollettiv - tnejn minn tliet ħaddiema huma koperti minn ftehim ta' ħlas kollettiv, fil-livell tal-kumpaniji jew oġġa.
- Aktar minn 60% tal-impjegati fl-Ewropa huma koperti minn istituzzjoni rikonnoxxuta li tirrappreżenta l-impjegati.
- 86% ta' dawn l-istrutturi ta' rappreżentanza għandhom rabta ma' trejtdjunjin, 63% maġġoranza ta' unjin.
- Ħafna strutturi ta' rappreżentazzjoni għandhom aċċess għal riżorsi ewlenin li huma meħtieġa li jaħdmu b'mod effettiv: 85% jirċievu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja, ekonomika u tal-impjegati tal-azjenda tal-inqas darba fis-sena; tnejn minn tlieta jiddikkjaraw li l-informazzjoni ġeneralment tasal fil-ħin, u tlieta minn erba' li din b'mod ġenerali tkun dettaljata biżżejjed; 72% jirċievu taħriġ fuq bażi regolari; u tlieta minn erba' rappreżentanti jqisu l-ammont ta' ħin liberu mħallas li normalment jirċievu bħala biżżejjed biex jonoraw l-impenji rappreżentattivi tagħhom.
- Kważi żewġ terzi tar-rappreżentanti tal-impjegati jindikaw li huma nvoluti fl-istabbiliment tar-regoli u l-proċeduri dwar il-kwistjonijiet tal-ħin tax-xogħol.

- Ġeneralment, ir-rappreżentanti jemmnu li teżisti klima kooperattiva ta' interazzjoni bejnhom u bejn il-maniġment tal-azjenda.
- Maġġoranza kbira tar-rappreżentanti tal-ħaddiema (80%) jemmnu li xogħolhom huwa appoġġjat mill-impjegati.
- Ħafna maniġers f'kumpaniji Ewropej (70%) ġeneralment huma pożittivi dwar l-effett tad-djalogu soċjali u r-rappreżentanza tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol.
- L-istess perċentwal jaqbel ukoll mad-dikjarazzjoni li l-fatt li wieħed jikkonsulta mar-rappreżentant tal-impjegati fuq bidliet importanti jwassel għal aktar impenn mill-ħaddiema biex jimplementaw dawn il-bidliet.

Limitazzjonijiet

Għalkemm dawn ir-riżultati jindikaw lejn is-saħħa tad-djalogu soċjali tradizzjonali fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa, hemm il-limitazzjonijiet:

- F'firxa ta' azjendi, ir-rappreżentanza hija limitata għall-kontroll tas-saħħa u s-sigurtà jew hi organizzata b'mod informali.
- Terz tar-rappreżentanti jirċievu informazzjoni b'mod mhux frekwenti dwar il-kundizzjoni ekonomika u finanzjarja, l-iktar, darba fis-sena.
- 17% tar-rappreżentanti jindikaw li huma mhumiex intitolati biex jieħdu xi ħin liberu mħallas biex jaqdu dmirijiethom.
- L-involvement f'deċiżjonijiet dwar il-flessibilità kuntrattwali huwa aktar limitat mill-involvement fl-arranġamenti dwar il-ħin tax-xogħol - f'kumpaniji fejn tintuża l-flessibilità kuntrattwali, kważi nofs ir-rappreżentanti jirrappurtaw involvement.
- L-influenza strateġika tar-rappreżentanti tal-impjegati hija kemmxejn limitata (ara figura 5).


- Filwaqt li ħafna maniġers iqisu li d-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol għandu impatti pożittivi, madankollu 60% jirrappurtaw preferenza għall-konsultazzjoni diretta mal-impjegati tal-azjenda.
- 30% tal-maniġers jaħsbu illi li jinvolvu rappreżentant tal-impjegati jwassel għal dewmien konsiderevoli f'deċiżjonijiet importanti ta' maniġment.

Esperjenzi varjati

L-analiżi turi varjazzjonijiet importanti fl-esperjenza tad-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa:

- Id-dejta tal-ECS tikkonferma differenzi bejn ħafna mill-UE15 u l-NMS12 fir-rigward tal-kopertura u l-livell ta' neġozjar ta' pagi.
- Aktar importanti, u b'għarfien ta' xi eċċezzjonijiet, l-implimentazzjoni istituzzjonali b'saħħitha tad-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol huwa aktar fenomenu tal-pajjiżi tat-tramuntana tal-Ewropa milli ta' dawk fin-nofsinar. Jista' jkun innutat proċess ta' implimentazzjoni inqas żviluppat u differenti, li huwa aktar ta' konfront ta' rappreżentanza statutorja tal-impjegati, meta wieħed jersaq lejn in-nofsinar tal-Ewropa, anki wara li wieħed jalloka għal varjabbli oħra bħad-daqs u l-attività ekonomika tal-azjendi. Il-Bulgarija, r-Rumanija u, kemmxejn inqas, il-Kroazja u l-FYROM jiffurmaw eċċezzjoni għal din is-sejba.
- F'ħafna mill-pajjiżi koperti mill-istħarriġ (2), jista' jingħad li l-istrajks kważi ma jintużaw qatt mir-rappreżentanza tal-impjegati lokali.
- Jistgħu jiġu nnotati ħafna differenzi bejn l-azjendi żgħira u kbar. L-inciżenza ta' rappreżentazzjoni tal-impjegati hija ogħla f'azjendi kbar. Madankollu, rigward il-prattiki tad-djalogu soċjali, organizzazzjoni iżgħira tnaqqas id-distanza bejn il-maniġment u r-rappreżentanza, li tista' tistimula djalogu soċjali kooperattiv intens. Madankollu, ir-riżorsi u l-kanali

Figura 5: Influenza tar-rappreżentazzjonijiet tal-ħaddiema fl-organizzazzjonijiet, (%)



statutorji huma inqas disponibbli, u dan ifixkel aktar l-iżvilupp tad-djalogu. Ir-risultat huwa relazzjoni kurvilineari bejn id-daqs tal-azjenda u l-kwalità tad-djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol.

- Id-differenzi tas-settur ħafna drabi jistgħu jkunu spjegati b'differenzi oħrajn tal-organizzazzjoni. Is-settur tal-edukazzjoni u l-industrija bażiċi jiddistingwu ruħhom b'ħala setturi bi djalogu soċjali fuq il-post tax-xogħol stabbilit sew.
- Il-karatteristiċi tal-forza tax-xogħol għandhom rwol minuri fid-differenzi, li jistgħu jkunu interpretati b'mod pożittiv: id-djalogu fuq il-post tax-xogħol mhux prattika esklużorja ristretta għal kategorija partikolari tal-forza tax-xogħol.

Kundizzjonijiet għal djalogu soċjali b'suċċess fil-livell tal-post tax-xogħol

L-ewwel, differenza kbira ta' kopertura bejn il-pajjiżi għadha tista' tiġi osservata fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-proċeduri għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni. Anki jekk il-qafas għar-rappreżentazzjoni tal-impjegati jeżisti, f'ċerti pajjiżi dawn il-kanali mhux qed jintużaw daqs kemm jintużaw f'oħrajn. Sa fejn hija kkonċenata l-konsultazzjoni strateġika tar-rappreżentanza tal-impjegati f'affarijiet li jirrigwardaw il-personal, id-differenzi bejn l-Istati Membri huma relattivament minuri. Madankollu, l-ECS juri l-importanza tar-riżorsi fir-rigward tal-parteċipazzjoni strateġika. L-involvement fi u l-influenza fuq deċiżjonijiet maniġerjali jmorru id f'id mal-faċilitajiet li għandhom ir-rappreżentanzi tal-impjegati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' informazzjoni ta' kwalità, taħriġ regolari u ħin biżżejjed. Tali riżorsi huma aktar probabbli li jkunu disponibbli fejn hemm kunsilli tax-xogħol u preżenza ta' trejdnunjin b'saħħitha.


Il-ġestjoni tal-bidla f'kundest ekonomiku diffiċli

L-ECS inkluda numru ta' mistoqsijiet lill-manigera li għandhom x'jaqsmu ma' dimensjonijiet differenti ta' prestazzjoni għall-azjenda. Dawn jinkludu kwistjonijiet madwar il-prestazzjoni finanzjarja u l-produttività, kif ukoll kwistjonijiet ta' riżorsi umani. L-istħarriġ fih ukoll numru ta' indikaturi dwar il-bidla li l-azjenda għaddiet minnha matul l-aħħar tliet snin, b'hal ristutturar.

Madankollu, għe ikkunsidrat li fil-ħin tal-ġbir tat-tagħrif, l-impatt tal-kriżi finanzjarja kien diġà qed jinħass f'xi pajjiżi iżda mhux f'kollha.

- L-Irlanda, il-Latvja, l-Estonja u l-Ungerija kollha raw tnaqqis kbir fid-daqs tal-forza tax-xogħol tul l-aħħar tliet snin. Għalkemm din ix-xejra mhijiex evidenti fil-pajjiżi kollha. Il-Belġju, il-Finlandja, il-FYROM u l-Lussemburgu irrappurtaw żidiet kbar fil-forza tax-xogħol.
- L-aħħar tliet snin raw ukoll żidiet fil-produttività tax-xogħol irrappurtata. L-ogħla proporzjonijiet ta' kumpaniji li irrappurtaw dan kienu fil-FYROM, fil-Greċja u fir-Rumanija.
- Il-bżonn li jitnaqqsu l-livelli ta' ħaddiema - għal xi wħud l-ewwel sinjal ta' tnaqqis ekonomiku, filwaqt li għal oħrajn żvilupp li għaddej - m'huwa xejn inqas minn allarmanti fl-Irlanda, fejn nofs l-azjendi ammettew dan il-fatt. Iżda t-tnaqqis fil-ħaddiema huwa wkoll pendent għal terz tal-azjendi fid-Danimarka, l-Estonja, l-Ungerija u t-Turkija. Dan għandu riperkussjonijiet għall-klima ġenerali tax-xogħol tal-azjendi u kien osservat li dawn il-pajjiżi għandhom perċentwal ogħla ta' azjendi li jirrappurtaw ambjent tax-xogħol stressjat.
- L-isfidi tar-riżorsi umani għas-snin li ġejjin huma numerużi. Hemm differenzi kemm bejn is-setturi kif ukoll bejn il-pajjiżi. 36% tal-kumpaniji fl-Unjoni Ewropea għandhom problemi biex isibu ħaddiema għal xogħolijiet li jirrikjedu sengħa u 'l fuq minn 10%

Figura 6: Kopertura ta' negozjar ta' paga fl-Istati Membri (%)



għandhom problemi biex isibu ħaddiema b'sengħa baxxa. 10% oħrajn tal-kumpaniji għandhom problemi biex iżommu l-ħaddiema tagħhom. 16% tal-kumpaniji jindikaw li għandhom problemi biex jimmotivaw lill-impjegati tagħhom u 14% jirrapportaw problemi ta' assenteiżmu.

- L-inciżenza tal-azjendi ma' xi waħda minn dawn il-problemi baqgħet stabbli b'mod globali bejn l-2004/05 u l-2009. L-unika differenza denja ta' nota hija n-numru inqas ta' azjendi bi problemi biex isibu impjegati b'sengħa baxxa issa meta mqabbel ma' 4 snin ilu (il-valur naqas b'4 punti perċentwali). Id-dejta turi wkoll żieda żgħira fin-numru ta' azjendi li jirrapportaw problemi biex isibu ħaddiema tas-sengħa, iżda din id-differenza hija kemmxejn żgħira (2 punti perċentwali).

Tabella 1: -Sfidi ta' riżorsi umani - ECS 2009 meta mqabbel mal-mewġa preċedenti (riżultati peżati mill-azjendi)

Problema ta' HR	ESWT 2004/05 (21 pajjiż)	ECS 2009a (21 pajjiż tal-ESWT biss)	ECS 2009b (UE27)
Is-sejbien ta' ħaddiema tas-sengħa	34%	36%	36%
Is-sejbien ta' ħaddiema b'sengħa baxxa	14%	10%	10%
Iż-żamma tal-ħaddiema	9%	9%	10%
Problemi ta' motivazzjoni	15%	15%	16%
Assenteiżmu	14%	14%	14%

- Rigward l-indikaturi tal-prestazzjoni bħas-sitwazzjoni ekonomika, il-produttività relattiva tax-xogħol u ż-żieda fil-produttività tax-xogħol, setgħet tiġi osservata relazzjoni bejn l-azjendi li jevalwaw it-taħriġ tal-impjegati b'mod sistematiku. It-taħriġ għandu wkoll assoċjazzjoni pożittiva mal-motivazzjoni tal-ħaddiema u l-ambjent ġenerali tax-xogħol. Ir-relazzjoni bejn il-miżuri ta' flessibilità u ż-żidiet fil-produttività sejin jiġu esplorati f'aktar dettall fl-analiżi sekondarja.

- L-intervisti saru b'intervisti bit-telefon permezz ta' kompjuter (CATI) f'27,160 azjenda.
- It-tul tal-intervista kien bħala medja ta' 20 minuta għar-rappreżentanti tal-maniġment u 15-il minuta għar-rappreżentanti tal-impjegati.
- L-unità tal-istħarriġ kienet l-azjenda (jiġifieri l-unità lokali jew l-unità ta' rappurtaġġ fejn isir ix-xogħol) u l-kumpaniji li kienu sejin jiġu intervistati ntgħażlu b'mod każwali minn fost dawk li għandhom 10 impjegati jew aktar f'kull pajjiż. L-istħarriġ ma nkludix is-settur tal-agrikultura u s-sajd, id-djar privati u l-organizzazzjonijiet extra territorjali. L-amministrazzjoni pubblika kienet koperta fil-kampjun. L-importanza kienet applikata b'mod proporzjonali kemm għad-distribuzzjoni tal-azjendi fir-rigward tad-daqs u s-settur u d-distribuzzjoni tal-impjegati.
- Dawk li wiegħbu l-istħarriġ kienu atturi tal-kumpaniji: maniġers responsabbli għar-riżorsi umani fil-livell tal-azjendi u rappreżentanti tal-ħaddiema fl-azjendi. Saru 27,160 intervista mal-maniġment u 6,569 intervista ma' rappreżentanti tal-impjegati.
- Għall-intervista mal-maniġment, min wiegħeb kien definit bħala l-persuna fil-livell l-aktar anzjan tal-azjenda responsabbli għall-ġestjoni tal-personal/riżorsi umani.
- Fejn kien possibbli, saret intervista ma' rappreżentant tal-impjegati. L-intervisti mar-rappreżentanti tal-impjegati saru biss f'azjendi fejn kienet diġà saret intervista mal-maniġment. Dawk li wiegħbu kienu dawk responsabbli biex jinnegożjaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol mal-maniġment. Ir-rappreżentanti tal-impjegati li wiegħbu kienu identifikati permezz tal-intervista mal-maniġment billi ġie żgurat jekk kienx hemm struttura rikonoxxuta li tirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema, bħal pereżempju kunsill tax-xogħol definit fil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż konċernat jew trejdnunjin rikonoxxuta. Fejn teżisti struttura tali, min wiegħeb għall-intervista lir-rappreżentant tal-impjegati kien iċ-chairperson, is-segretarju jew xi kelliem ieħor għal dan il-korp.

Metodoloġija tal-istħarriġ

- Il-ġbir ta' tagħrif minn fuq il-post sar fl-ewwel kwart tal-2009 fi 30 pajjiż: is-27 Stat Membru tal-UE, il-Kroazja, it-Turkija, u l-Ex Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja (FYROM).

Aktar informazzjoni

Camilla Galli da Bino, uffiċjal għall-informazzjoni:
gdb@eurofound.europa.eu

Eurofound – European Foundation for the Improvement of Living and Working Conditions

Wyattville Road, Loughlinstown, Dublin 18, Ireland

Telefown: (+353 1) 204 31 00

Email: information@eurofound.europa.eu

Websajt: <http://www.eurofound.europa.eu>

Riżultati fuq fuq

Ir-riżultati tal-istħarriġ Ewropew fost il-Kumpaniji 2009 huma wkoll disponibbli permezz tal-Istrument ta' Intraċċar tal-Istħarriġ (Survey Mapping Tool) tal-Eurofound. Dan hu strument ibbażat fuq l-internet li jippermetti lill-utenti biex jesploraw ir-riżultati tal-istħarriġ ta' kull pajjiż għal mistoqsijiet magħżulin. Ir-riżultati jistgħu jiġu ffiltrati skont id-daqs tal-kumpaniji, is-settur tal-attività u l-pussess.

(www.eurofound.europa.eu/surveys/companysurvey/ecs2009/results.htm)



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Publications.europa.eu